MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 606/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alphonse Grech sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Alphonse Grech**

**Vs**

**Christopher Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm144.27), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Mejju 2001 fi Triq il-Labour, Marsa bejn vettura numru FBY 645 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru LAU 586 misjuqa minn u propjeta ta' l-attur Alphonse Grech,

liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' John Lentini u Alphonse Grech.

Ra d-dokumenti.

Milli provi jirrizulta li l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh meta l-konvenut (li kien qieghed isuq vettura bin-numru FBY 645) baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa mill-attur. Jidher bic-car li r-responsabbilta ghal dan l-incident hija unikament tal-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm144.27), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**